## MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 8

IL-ĠIMGĦA 8 TA' NOVEMBRU 2013 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |

## 1 SKEDA TA' PAGAMENTI

l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace resaq l-iskeda ta' pagamenti mit- 8 ta' Novembru 2013.

Dawn ġew approvati unanimament.

## 2 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Max Zammit tkellem rigward il-fuljett 'It-Tmunier' li ġie ppublikat u mqassam fid-djar. Il-Kunsillier Eugenio Muscat u l-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti lmentaw li l-fuljett kien mimli żballi u ġie nnuttat wkoll li fl-iskeda tal-pagamenti ġiet appuntata persuna biex tagħmel xogħol ta' *proof reading*, meta x-xogħol ma sarx kif suppost. Is-Sindku Max Żammit ta' spjegazzjoni fid-dettal ta' fhiex kien jikkonsisiti l-ħlas tal-*proof reader.* Huwa qal li l-iżballi li kien hemm kienu minn naħa tat-typesetting tal-*printer* u għaldaqstant il-proof reader ma kellha ebda tort fuq l-iżballji li kienu saru, li dawn kienu l-iktar dwar it-*type setting*.

2.2 Is-Sindku Max Zammit tkellem rigward il-laqgħa li kellu ma l-IPSL. Huwa nforma l-Kunsill li l-IPSL lesti jtuna ħaddiema minn tagħhom meta jkun hemm bżonn biex jgħamlu xogħol ta' kostruzzjoni.

2.3 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-*computer lessons* u rigward il-ħsieb li għandu biex jibdew lezzjonijiet tal-*aerobics.* Is-Sindku Max Żammit irrakomanda sabiex il-Kunsill ikollu sala daqxejn akbar milli għandna llum. Għaldaqtant ġie rrakomandat li l-Kunsill se jqabbad perit sabiex jara jekk nistawx nifthu l-ħajt ta' bejn il-*conference room* u l-uffiċċju tas-Sindku biex b'hekk il-*conference room* titkabbar aktar.

Il-Kunsill qablu unanimament rigward din ir-rakkommandazzjoni.

2.4 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward it-talba li kellu mingħand il-Bettson biex ittellgħa attivita x-Xatt ta' Ta' Xbiex. Is-Sindku Max Zammit rnexxielu jġib donazzjoni ta' 5,000 euro mingħand il-kumpanija talli l-Kunsill aċċetta t-talba tagħhom bil-kundizzjoni li dawn għadhom iġibu l-permess meħtieġa kollha mingħand l-entitajiet governattivi. Qablu unaninament li jingħata l-permess dment li jimxu mar-regolazzjonijiet u kundizzjonijiet tal-Kunsill.

## 2.5 Rakkomandazzjoni għal-Ħatra ta' Kumitat għal-aġġudikazzjoni tat- tenders

Is-Sindku Max Zammit ippropona li dan il-kumitat ikun ifurmat minn:

Is-Sindku Max Żammit
L-Agent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace
Il-Vici Sindku Ronnie Portelli
Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti

Is-Sindku Max Żammit qal li xtaq li f'dan il-kumitat ikun hemm ukoll bniedem independent barra l-Kunsilliera li għandu l-esperjenza fuq il-kuntratti sabiex dan ikun jista jgħati l-pariri, l-opinjonijiet ukoll fuq it-tenders/offerti li jkunu se jiġu diskussi.  Din il-persuna ma jkolliex id-dritt għall-vot.

Is-Sindku Max Żammit kien se jipproponi li l-ex Sindku Antoinette Vassallo għal dan kumitat imma minhabba mpenji u xogħol tagħha hija rrifjutat fil-waqt li rrigrazzjat lis-Sindku u l-Kunsill għan nomina tagħha.

Għaldaqstant is-Sindku ippropona li jqiegħed is-Sur Sandro Taljan f'dan il-kumitat.

Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti u l-Kunsillier Eugenio Muscat ma qablux ma din il-proposta u taw ir-raġunijiet għaliex.

Is-Sindku Max Żammit staqsa lil Kunsilliera jekk hemm xi ħadd minnhom li jixtieq jipproponi lil xi ħadd ieħor imma kien hemm l-ebda proposta oħra.

Ghaldaqstant is-Sindku Max Żammit tar-raġunijiet tiegħu għala kien ippropona lis-Sur Taljana, u ta  spjegazzjoni min kienet din il-persuna.

Ghaldaqstant il-Kunsilliera wara li ngħataw spjegazzjoni mis-Sindku ma sar ebda oġġezzjoni fuq din in-nomina tas-Sur Taliana.

Is-Sindku għadda formalment sabiex  is-Sur Taliana jiġi maħtur membru tal-Kumitat.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3 ĦATRA TA' AMBAXXATUR BEJN 16 IL-SENA U 18 IL-SENA

Is-Sindku Max Żammit qal li l-Kunsill irċieva memo sabiex il-Kunsill b'mod urgenti jaħtar persuna li trid tkun taħt it-18 il sena sabiex din il-persuna tkun tibda tista tattendi għal-laqgħat tal-kunsill, kif wkoll tippartecipa fid-diskussjoni tal-Kunsill imma bla dritt ta' vot. Peress li kif intqal, l-Kunsill kien marbut b'urgenza biex jaħtar dan l-Ambaxxatur

Is-Sindku Max Żammit ippropona li jinħatar Ariel Baldwin. Il-Kunsillier Eugenio Muscat u l-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti lmentaw li huma ma kienux avżati sabiex ikunu jistgħu jinnominaw wkoll xi persuna.

Sar ftehim li l-Kunsill għandu minn issa l'quddiem meta l-amministrazzjoni tirċievi email li tkun ndirizzat lis-Sindku u l-Kunsilliera din l-email għndha titbgħat minnufih lil kulħadd.

F'dawn iċ-ċirkostanzi peress li l-Kunsill ma kellux żmien twil sabiex jieħu deċiżjoni, l-Kunsill kien marbut mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li minnufih jipproponi persuna. Is-Sindku, hass li għandu jaġġixxi kif aġixxa sabiex il-Kunsill ta Ta' Xbiex ikollu rapprezentant tiegħu kif mitlub mid Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Saret diskussjoni u ngħata aktar dettal fuq il-persuna nominata'. Hekk kif ġiet deċiża n-nomina ta' din il-persuna il-Kunsill qabel unanimement għal ħatra ta' din il-persuna biex tkun tgħamel parti mill-Kunsill skond il-Memo nru 26/2013

Il-Laqgħa tal-Kunsill spiċċat fis-6.00pm u se tiġi aġġornata għall-kumplament tal-agenda li ssir fid-9 ta' Diċembru 2013 fit-3.00pm.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv